**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 74**
**L-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – WAITING LIST GĦAS-SERVIZZI**

**4195. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm waiting list ta' persuni b'diżabilità biex jirċievu s-servizzi msemmija hawn taħt, sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda:
a. Special ID Card;
b. Blue Badge; u
ċ. kull servizz fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-data tat-tweġiba hemm 121 applikazzjoni pendenti għall-Blue Badge li mistennija jingħataw appuntamenti għal Diċembru. Filwaqt li ma hemm l-ebda waiting list għall-iSpecial ID Card.
Rigward is-servizz fiċ-Child Development Assessment Unit nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**PROĠETT REACH**

**4196. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett REACH?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 3655.

Seduta 74
11/01/2023

**SERVIZZ TA' SONIA TANTI INDEPENDENT LIVING**

**4197. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna fil-mument qiegħda tuża s-servizz ta' Sonia Tanti Independent Living?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar sad-data tat-tweġiba kien hemm 416-il klijent li għamel użu mis-servizzi pprovduti minn Sonia Tanti Independent Living Centre. Dawn jinkludu servizz ta' assessjar għal siġġu tar-roti, assessjar għal sewqan b'modifikazzjonijiet, u lezzjonijiet tas-sewqan mill-Adaptive Driving Motoring School (L527).

Seduta 74
11/01/2023

**TIBDIL TA' LOGO TA' DIŻABILITÀ**

**4198. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk hijiex tindirizza l-logo tad-diżabilità peress li jeżistu abilitajiet differenti? Għaliex nitkellmu fuq Inklużjoni soċjali, madankollu l-logo jibqa' dak ta' siġġu tar-roti?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dan il-logo ser jiġi indirizzat fis-sena 2023, kif titlob ukoll 'Libertà li Tgħix', l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, fl-Azzjoni 4.9 tagħha. Ser nimxu lil hinn minn kunċett illi jkopri sempliċement aspett wieħed tar-realtà tad-diżabilità, biex minflok, kif titlob ukoll l-Istrateġija, jintuża kunċett illi jesprimi b'mod aħjar id-diversità konnessa ma' din ir-realtà, fl-ispirtu tal-Inklużjoni.

Seduta 74
11/01/2023

**CDAU – EARLY INTERVENTIONS**

**4199. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'qed isir minħabba nuqqas ta' riżorsi fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), speċjalment fejn jidħlu early interventions?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**PSYCHOLOGICAL REPORT LILL-ĠENITURI**

**4200. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid xi kemm idum biex jingħata l-psychological report lill-ġenituri biex dawn jaraw jekk uliedhom hux se jkollhom għajnuna ta' LSE jew jekk hux se jkun LSE shared jew one-to-one? Tista' l-Ministru tgħid jekk hijiex konxja minn dan id-dewmien esaġerat u jekk iva, x'qed isir?

21/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**GĦAWDEX - RECOVERY AND RESILIENCE FACILITY FUND (RRF) - FONDI**

**4524. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar il-proġetti u inizjattivi li Għawdex se jibbenefika minnhom permezz tal-programm ta' fondi tal-Unjoni Ewropea *'Recovery and Resilience Facility Fund (RRF)'* fix-xhur li ġejjin?

28/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Fondazzjoni tal-Iskejjel ta' Għada, qed jipproċedu bil-proġett estensiv ta' rinovar tal-iskola primarja fin-Nadur. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mir-Recovery and Resilience Facility Fund.

Seduta 74
11/01/2023

**TENDER CFT:IMT005/2022 RE-PUBLICATION OF IMT012/2021 - 'CONSTRUCTION AND EXTENSION OF MARSAMXETT FERRY LANDING PLACE IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER'**

**4525. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar tender iffinanzjat mill-EU: CfT:IMT005/2022 *Re-Publication of IMT012/2021 - 'Construction and Extension of Marsamxett Ferry Landing Place in an Environmentally Friendly Manner'* u jgħid fiex wasal il-proċess ta' aġġudikazzjoni ta' din l-imsemmija tender u meta hu ppjanat li jibda x-xogħol mitlub minn din l-imsemmija sejħa?

28/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nhar il-11 ta' Novembru kienet ippubblikata d-deċiżjoni tal-aġġudikazzjoni.

Seduta 74
11/01/2023

**TOROQ F'GĦAWDEX - FONDI**

**4600. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3644 u jgħid liema huma t-toroq (isem tat-triq u r-raħal) ġewwa Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom u jgħid liema minnhom ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati biex isiru matul is-snin 2022 u 2023 mill-programm '*Rural Development Programme 2014-2020 Measure 4.3 - European Agricultural Fund for Rural Development*' u kemm se jingħata flus minn dan il-fond il-Ministeru għal Għawdex għal dawn it-toroq?

29/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni li qed tiġi mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Ministeru għal Għawdex-Fondi Rural Development Programme 2014-2020** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Toroq Li Ġew Aċċettati / Ma Ġewx Aċċettati** | | | | |
| **Ministeru għal Għawdex** | **Isem ta' Triq** | **Lokalità** | **Triq Aċċettata/ Mhux Aċċettata** | **Ammont Kommess mill-fond Faeżr (RDP 14-22)** |
| Ministeru għal Għawdex | Triq ta' Għajn Abdul/Triq Wied Junu | Nadur | Mhux Aċċetata | |
| Ministeru għal Għawdex | Triq ta' Spiteri | Nadur | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq San Blas | San Lawrenz | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq Daħla ta' Xurdin | Għajnsielem | Mhux Aċċettata | - |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ministeru għal Għawdex | Wied tal-Għajjun | Għarb | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq Klula | Għarb | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq tal-Gruwa | Żebbuġ | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq il-Gifna | Żebbuġ | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq tal-Loġġa | Żebbuġ | Mhux Aċċettata | - |
| Ministeru għal Għawdex | Triq Neigu | Għarb | Mhux Aċċettata | - |

Seduta 74
11/01/2023

**MĠARR, MARSALFORN U X-XLENDI, GĦAWDEX – "TENDER FOR THE MANAGEMENT (SERVICE OF TRADESMEN OPERATORS) OF THE FISHERS' FACILITIES"**

**4601. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 3634 u 3823 dwar is-sejħa li ħareġ il-Ministeru tiegħu f'dawn l-aħħar ġimgħat għal "Tender for the management (service of tradesmen operators) of the fishers' facilities situated at Mġarr, Marsalforn and Xlendi, Gozo" jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija intera (kollha kemm hi) u jgħid ukoll min kien qed joffri dan is-servizz, sena b'sena, f'dawn l-aħħar ħames snin u kemm kienet l-ispiża, sena b'sena, f'dawn l-aħħar ħames snin?

29/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li diġà rrispondejtu fil-mistoqsija parlamentari 3823 fejn l-użu ta' tali tender għadu ma bediex.

Seduta 74
11/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - BORD TAL-ALLOKAZZJONIJIET - MEMBRI**

**4611. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3862, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha kemm hi u jgħid min huma l-membri tal-Bord tal-Allokazzjonijiet?

29/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar ma tiżvelax l-ismijiet tal-membri tal-Bordtal-Allokazzjonijiet sabiex ma tagħtix lok li terzi persuni jippruvaw jinfluwenzaw l-operat tagħhom.

Seduta 74
11/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – ALLOKAZZJONI TA' POSTIJIET**

**4612. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu postijiet b'allokazzjonijiet minn Jannar 2022? Kemm minn dawn li tqassmu huma units tal-Gvern u f'liema lokalità jinsabu? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma mill-iskema li permezz tagħha ġew mikrija mill-privat biex jingħataw b'subletting lill-klijenti tal-Awtorità tad-Djar? Jista' l-Ministru jgħid ukoll kemm kienu dawn u f'liema lokalitajiet minn Jannar 2022?

29/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tabella segwenti li tindika l-proprjetajiet mikrija għall-akkomodazzjoni soċjali mqassma bil-lokalità.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Attard | 11 | Pembroke | 6 |
| Birkirkara | 111 | Qala Għawdex | 7 |
| Birgu | 6 | Qormi | 42 |
| Birżebbuġa | 5 | Qrendi | 1 |
| Bormla | 14 | Rabat | 4 |
| Fgura | 10 | Rabat Għawdex | 5 |
| Furjana | 7 | Raħal Ġdid | 18 |
| Fontana Għawdex | 1 | San Ġwann | 17 |
| Għajnsielem Gozo | 10 | San Ġiljan | 5 |
| Għaxaq | 1 | San Pawl il-Baħar | 70 |
| Gudja | 2 | Sannat Għawdex | 1 |
| Gżira | 3 | Santa Luċija | 8 |
| Ħamrun | 17 | Santa Venera | 21 |
| Isla | 4 | Siġġiewi | 21 |
| Kalkara | 1 | Ta' Xbiex | 2 |
| Luqa | 3 | Tarxien | 8 |
| Marsa | 7 | Valletta | 45 |
| Marsaskala | 6 | Xagħra Għawdex | 14 |
| Mellieħa | 7 | Xgħajra | 1 |
| Mġarr | 2 | Żabbar | 11 |
| Mosta | 1 | Żebbuġ | 7 |
| Msida | 6 | Żebbuġ Għawdex | 9 |
| Nadur Għawdex | 3 | Żejtun | 8 |
| Naxxar | 3 | Żurrieq | 13 |

Seduta 74
11/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – KERA TA' BINJA**

**4613. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed tħallas kera l-Awtorità tad-Djar għall-Binja A li għandha l-Awtorità u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-kirja? Jista' jgħid kemm qed tiswa f'kera annwali? Jista' jgħid ukoll kemm kienet in-nefqa fir-refurbishment tal-Binja A?

29/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kummerċjali sensittiva u għalhekk ma tistax tingħata.

Seduta 74
11/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – IMPJEGATI MILL-2017**

**4614. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu impjegati ġodda jaħdmu mal-Awtorità tad-Djar mill-2017 sal-lum? Jista' jagħti lista tal-kategoriji fejn dawn daħlu jaħdmu?

29/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mis-sena 2017 ġew ingaġġati 146 impjegat f'dawn id-Dipartimenti, li wħud minnhom diġàrriżenjaw u ġew sostitwiti minn ħaddiema oħra. L-ammont ta' nies li spiċċaw għal dan il-perjodu jammonta għal 92. Dawn il-figuri jindikaw id-dipartiment fejn ġew ingaġġati l-ħaddiema.

Uffiċċju tas-CEO – 7
Corporate Services – 19
Estate Management – 26
Social Housing – 7
Schemes – 22
Finance – 18
Technical Services & Operations – 19
Private Residential Leases Unit - 28

Seduta 74
11/01/2023

**DISKORS TAL-BAĠIT 2023 - REKLAMAZZJONI TAL-ART**

**4615. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3863, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, u ċjoè: Fid-dawl li fid-Diskors tal-Baġit 2023 il-Ministru għall-Finanzi f'paġna 74 tkellem dwar reklamazzjoni tal-art, jista' l-Ministru jgħid fejn u/jew f'liema parti ta' Malta ser isir dan l-istudju biex ikun hemm reklamazzjoni tal-art? Jista' l-Ministru jgħid ma' liema stakeholders huwa biħsiebu li jikkonsulta?

29/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**DISKORS TAL-BAĠIT 2023 – DISKUSSJONI BIEX SERVIZZI JINGĦATAW WARA D-9.00 A.M. - STAKEHOLDERS**

**4616. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3864, jista' l-Ministru jgħid min huma dawn l-istakeholders?

29/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandi xejn aktar xi nżid mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3864.

Seduta 74
11/01/2023

**REWS – GĦAŻLA TA' PERSUNA BĦALA MEMBRU TAL-BORD**

**4731. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4058, tista' l-Ministru tgħid jekk hijiex il-Ministru stess li tiddetermina li persuna, meta tiġi magħżula bħala membru tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), tissodisfa pjenament il-kriterji kollha elenkati skont il-published criteria magħmula skont l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545?

02/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dak mitlub mill-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma dwar il-proċedura qed ikun segwit.

Seduta 74
11/01/2023

**KRITERJI OĠĠETTIVI U TRASPARENTI FIL-ĦATRA TA' MEMBRI TA' BORD TA' AWTORITAJIET**

**4749. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest li jintroduċi kriterji oġġettivi u trasparenti li jirregolaw il-ħatriet tal-membri biex dawn jagħmlu parti minn xi bord ta' awtorità regolatorja u dan bħalma diġà hemm fil-każ tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) skont il-Kap. 545, biex jiġi assigurat li l-membri jintgħażlu skont l-esperjenza u l-ħila tagħhom fis-settur konċernat?

05/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Hekk kif dejjem kienet il-proċedura fil-ħatra tal-bordijiet, il-membri jinħatru skont l-esiġenzi tal-istess bord u l-ħiliet tagħhom biex iwettqu r-responsabbilitajiet assenjati lilhom. Bordijiet li huma stabbiliti b'liġi partikolari jinħatru skont il-kriterji stabbiliti f'dik l-istess liġi.

Seduta 74
11/01/2023

**INFERMIERA BIL-MATERNITY LEAVE**

**4949. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il infermiera qiegħda bil-maternity leave?

30/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm 94 infermiera bil-maternity leave.

Seduta 74
11/01/2023

**INFERMIERA – PERJODU TA' MATERNITY LEAVE**

**4950. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien l-average tal-perjodu tal-leave matern tal-infermiera f'dawn l-aħħar tliet snin?

30/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-average tal-perjodu tal-leave matern tal-infermiera li kienu tqal kien ta' 18-il ġimgħa kull waħda.

Seduta 74
11/01/2023

**INFERMIERA LI RRIŻENJAW**

**4951. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il infermier irriżenja f'dawn l-aħħar ħames snin?

30/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 450.

Seduta 74
11/01/2023

**VAT REFUNDS**

**4952. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti kemm hemm VAT refunds li jridu jingħataw u meta dawn se jingħataw?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li 'VAT refunds' li huma dovuti li jitħallsu bejn Jannar u Mejju 2023 huwa kif ġej:

| **Xahar** | **Ammont** |
|---|---|
| Jannar 2023 | €34,327,141.17 |
| Frar 2023 | €46,259,715.52 |
| Marzu 2023 | €12,947,523.39 |
| April 2023 | €27,033,313.74 |
| Mejju 2023 | €4,061,574.76 |

'Refunds' dovuti għal wara Mejju 2023 ikunu jiddependu minn dikjarazzjonijiet dwar VAT li għad iridu jsiru.

Seduta 74
11/01/2023

**DIPARTIMENT TAL-OHSA – ŻJARAT UFFIĊJALI - IRREGOLARITAJIET**

**4953. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm għamlu żjarat uffiċjali d-Dipartiment tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) fl-aħħar sitt xhur u f'liema qasam? Kemm instabu irregolaritajiet? Kemm inqatgħu multi u f'kemm żmien l-irregolaritajiet ġew irranġati?

30/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-OHSA hija Awtorità, mhux Dipartiment. Fl-aħħar sitt xhur tal-2022 saru 2,210 spezzjoni li wasslu għal 219-il ordni biex jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni u 259 ordni biex jitwaqqaf ix-xogħol. Il-parti l-kbira tal-ispezzjonijiet saru fis-settur tal-kostruzzjoni. Barra minn hekk inħarġu 209 multa amministrattiva, waqt li nbdew proċeduri legali f'144 każ separat. Mhijiex eskluża l-possibbiltà li jinħarġu iktar multi amministrattivi, jew li jinbdew iktar proċeduri legali wara li jkunu konklużi l-investigazzjonijiet li jkunu qed isiru mill-Uffiċjali.

Seduta 74
11/01/2023

**MALTIN LI EMIGRAW BIEX JAĦDMU BARRA MINN MALTA**

**4954. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta’ Maltin li emigraw biex jaħdmu barra minn Malta? Ta’ liema età?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika iktar il-mistoqsija tiegħu.
L-NSO tista' tipprovdi n-numru ta’ emigranti Maltin skont l-età u s-sess, iżda ma jkollhiex informazzjoni dwar ir-raġuni għal xiex ikunu telqu mill-pajjiż.

Seduta 74
11/01/2023

**ĦAL QORMI - MONTI**

**5016. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li l-monti, li kull nhar ta’ Sibt jarma f’Ħal Qormi, jiġi rilokat għal żona oħra? Jekk iva, jista’ jgħid fejn se jiġi rilokat?

03/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**CENTRAL MONITORING COMMITTEE**

**5017. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti d-dati li fihom iltaqa' l-kumitat intern tal-Korp għall-Analisi ta’ Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) magħruf bħala Cental Monitoring Committee matul l-2020?

03/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 74
11/01/2023

**CENTRAL MONITORING COMMITTEE**

**5018. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti d-dati li fihom iltaqa' l-kumitat intern tal-Korp għall-Analisi ta’ Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) magħruf bħala Cental Monitoring Committee matul l-2021?

03/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 74
11/01/2023

**CENTRAL MONITORING COMMITTEE**

**5019. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti d-dati li fihom iltaqa' l-kumitat intern tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) magħruf bħala Cental Monitoring Committee matul l-2022?

03/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 74
11/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5020. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4168, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jibda x-xogħol ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi li tħabbar f'Ġunju tas-sena l-oħra?

03/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**5021. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

03/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 74
11/01/2023

**ĦAL FAR – MULTI-MATERIAL RECOVERY FACILITY**

**5047. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru telenka r-raġunijiet għaliex il-Multi-Material Recovery Facility f'Ħal Far ma bdietx topera matul ir-raba' kwart tal-2022 kif kien intqal fil-mistoqsija parlamentari 2910?

05/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li kien hemm dewmien mhux mistenni. Minkejja dan, f'żoni u sistemi li mhumiex affettwati, qed isir l-ittestjar u l-kummissjonar sabiex ladarba kollox jiġi implimentat, il-faċilità tkun tista' topera mill-aktar fis.

Seduta 74
11/01/2023

**SERVIZZ PUBBIKU – TENDER GĦAL XIRI TA' VETTURI ELETTRIĊI**

**5048. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tender li ġie ppubblikat għax-xiri ta' 250 vettura elettrika għas-Servizz Pubbliku, jista' l-Prim Ministru jindika, Ministeru Ministeru u/jew Dipartiment Dipartiment, kemm kull Ministeru u/jew Dipartiment juża vetturi u kemm minn dawn se jinbidlu għal vettura elettrika?

05/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat b'dan it-tagħrif mitlub kif ġej:

| Ministeru | Total |
|---|---|
| MFT | 12 |
| MPWP | 24 |
| MTIP | 3 |
| MEEE | 12 |
| MAFA | 42 |
| MEFL | 7 |
| MFE | 30 |
| MFET | 4 |
| MEYR | 30 |
| MFH | 14 |
| MFAA | 9 |
| MGOZ | 13 |
| MHAL | 5 |
| MHSR | 9 |
| MIVC | 4 |
| MFJ | 1 |
| MSAA | 1 |
| MSPC | 3 |
| OPM | 19 |
| OPR | 8 |

Seduta 74
11/01/2023

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA – MEDIĊINA PIRFENIDONE**

**5049. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika kemm hawn persuni li jagħmlu użu mill-mediċina Pirfenidone (Tablets) IP 400mg u jekk din il-medicina tingħatax b'xejn mill-Gvern? F'każ li tingħata, lil kemm nies tingħata u għal liema kondizzjonijiet? F'każ li ma tingħatax, x'inhi r-raġuni li ma tingħatax u jistax jgħid jekk hemmx xi ħsieb li tibda tingħata?

05/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mediċina msemmija minnu mhix fuq il-formolarju tal-Gvern.

Seduta 74
11/01/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – KORSIJIET B'SISTEMA TA' NUMERUS CLAUSUS**

**5050. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-korsijiet fl-Università ta' Malta li se jkollhom is-sistema ta' *numerus clausus* fid-dħul li jmiss u kemm se jkun in-numru ta' studenti li se jitħallew jidħlu f'kull wieħed minn dawn il-korsijiet universitarji? Jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li għal dawn il-korsijiet din is-sistema titneħħa jew tinbidel u meta? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li meta studenti jmorru jistudjaw

f'universitajiet Ewropej minnħabba n-*numerus clausus*, dawn jibdew jieħdu refund tal-ispejjeż għall-istudji tagħhom?

05/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 74
11/01/2023

**BUS SHELTERS**

**5051. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' bus shelters ġodda lokalità lokalità li saru mill-Gvern Lokali rispettiv matul is-snin 2020, 2021 u 2022? Jista' jipprovdi lista lokalità lokalità ta' talbiet pendenti u meta saru mill-Gvern lokali rispettiv?

05/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu tirrikjedi ammont sostanzjali ta' ħin u riżorsi u għalhekk l-istess informazzjoni mhux possibbli li tingħata daqstant fl-immedjat.

Seduta 74
11/01/2023

**ĦAL FAR – STUDJI DWAR IL-ĦSEJJES IĠĠENERATI MIT-TRAKKA TAL-KAROZZI**

**5052. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Minħabba li l-Ministru fit-tweġiba tiegħu għall-mistoqsija parlamentari 4602 ma rrispondiex għal mistoqsijiet fl-istess domanda imma rrefera biss għal mistoqsijiet preċedenti li fil-fatt ma ġewx imwieġba lanqas, jista' l-Ministru jgħid jekk intbagħtietx kopja tal-istudji dwar il-ħsejjes li se jkunu qed jiġu ġġenerati mit-trakka tal-karozzi f'Ħal Far lill-Kunsilli Lokali ta' Birżebbuġa, taż-Żurrieq u ta' Ħal Safi? Jista' jagħti d-dati meta saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawn il-Kunsilli, x'kienu l-punti mqajmin, kif dawn il-punti se jiġu indirizzati u jippreżenta dokumentazzjoni li turi dan? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport jew rapporti dwar il-ħsejjes li mistennija jiġu ġġenerati u kif dawn se jiġu mitigati?

05/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2027.

Seduta 74
11/01/2023

**XEMXIJA HERITAGE TRAIL – PROĠETTI U INVESTIMENT**

**5053. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4686 dwar proġetti u investiment fix-Xemxija Heritage Trail, jista' l-Ministru jgħid x'kien l-investiment li sar speċifikament fix-Xemxija Heritage Trail (li l-aċċess tagħha huwa minn Triq Raddet ir-Roti) u mhux f'siti oħra bħalma ssemma f'din it-tweġiba? Jista' jgħid liema hi dik l-NGO li hemm referenza għaliha fl-istess tweġiba? X'assistenza qed tingħata mill-Kunsill Lokali u x'qed jitwettaq mill-istess NGO?

06/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 74
11/01/2023

**PULIZIJA – KAŻIJIET TA' VANDALIŻMU FUQ VETTURI**

**5054. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4812 dwar każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi, jista' l-Ministru jgħid jekk kinux identifikati dawk responsabbli għal dawn il-każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi? Jekk iva, jista' jgħid jekk dawn tressqux il-Qorti?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li dwar il-każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi, relatati mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4812, fuq każi kommessi minn diversi lokalitajiet ġewwa Malta u Għawdex, fil-perjodu ta' bejn Mejju 2021 u Ottubru 2022, kien hemm diversi każi fejn il-persuni suspettati ġew identifikati u fejn kien hemm il-provi dawn tressqu jew se jitressqu il-Qorti. Hemm każi wkoll fejn il-persuna suspettata qed tiġi mfittxija. L-investigazzjonijiet dwar il-każi li għadhom mhux solvuti ser jibqgħu għaddejjin.

Seduta 74
11/01/2023

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI B'DIŻABILITÀ**

**5055. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4829 jista' l-Ministru jgħid sena b'sena kemm ibbenefika l-Malta Paralympic Committee?

06/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul dawn l-aħħar snin il-Malta Paralympic Committee applikat għall-iskema "International Participation" fejn dawn l-iskemi jiġu maħruġa minn Sport Malta.
L-applikazzjonijiet tagħhom ġew evalwati mal-applikazzjonijiet l-oħrajn u Sport Malta kkommettiet din l-għajnuna finanzjarja lil Malta Paralympic Committee f'dawn l-aħħar erba' snin kif indikat hawn taħt:

2019: € 9,362.14
2020: € 6,377.00
2021: € 12,658.00
2022: € 25,000.00

Seduta 74
11/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**5056. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4808 dwar bozoz f'Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid fejn ġew installati l-bozoz il-ġodda u meta ġew installati?

06/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari bin-numri 1418 u 4808.

Seduta 74
11/01/2023

**LESA – SKEMA PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ – L-EWWEL SEJĦA**

**5057. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3180, dwar skema ta' fondi bit-titlu 'Proġetti fil-Komunità' maħruġa mil-LESA, għall-ewwel sejħa, jista' l-Ministru jgħid liema kienu dawk il-45 kunsill lokali li applikaw, liema kienu l-21 proġett li ntgħażlu u kemm kien il-valur ta' kull proġett? Liema kienu ż-żewġ applikazzjonijiet li waslu wara d-data tal-għeluq u għalhekk ma ġewx ikkunsidrati? Meta kienet id-data tal-għeluq?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dawk li applikaw għal din is-sejħa kienu l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsilli ta' Attard, Birgu, Birkirkara, Bormla, Fgura, Floriana, Fontana, Għajnsielem, Għarb, Għasri, Għaxaq, Gudja, Ħamrun, Imqabba, Imsida, Isla, Kalkara, Kerċem, Lija, Marsaxlokk, Mellieħa, Nadur, Paola, Pieta', Qala, Qrendi, Rabat Malta, Safi, San Ġwann, San Lawrenz, Santa Luċija, Santa Venera, Siġġiewi, Sliema, Tarxien, Valletta, Xewkija, Xgħajra, Żabbar, Żurrieq, u Kunsill Reġjonali Nofsinhar u Reġjun Għawdex.L-applikazzjonijiet li waslu tard wara l-ġurnata tal-għeluq, li kienet 30 t'April 2022, kienu ta' Ħal Balzan u San Ġiljan.

**Proġetti magħżula u valur:**

| | | |
|---|---|---|
| AKL | Tfassil ta' Dokumenti minn Esperti (21 dokument) + Management | € 100,000.00 |
| Birgu | Proġetti li jinkludu 1) Imprinted Concrete 2) Bdil ta' ħadid u railing 3) litter bins 4) Dog bin 5) Pjanti 6) Bankijiet | € 79,475.00 |
| Bormla | Riġenerazzjoni ta Housing Estate Żona ta San Ġwann t'Għuxa | € 40,716.00 |
| Fgura | Electric Van with Tail lift + software (booking app) | € 50,560.00 |
| Floriana | Electric Car | € 25,150.00 |
| Gudja | Outdoor Gym & Expenses | € 80,000.00 |
| Ħamrun | CCTV System | € 12,000.00 |
| Imsida | Installazzjoni ta Kameras li jiffokaw fuq infurzar ta ECO | € 16,000.00 |
| Isla | Pavimentar fi Triq Sant' Anġlu | € 18,051.00 |
| Kalkara | 1) Electric Van | € 24,800.00 |
| Lija | 1) Electric/Hybrid Van 2 | € 24,800.00 |
| Mellieħa | Installation of CCTV Camera | € 16,500.00 |
| Paola | Riġenerazzjoni ta Ġnien Lorry Sant | € 80,000.00 |
| Reġjun Għawdex | Xiri ta Pedal cycles u spejjeż | € 80,000.00 |
| Safi | Restawr ta' niċeċ | € 20,712.00 |
| San Ġwann | Transformation into a public garden | € 69,445.00 |
| Santa Luċija | Xiri ta Electric Van u xufier għal 3 snin | € 32,000.00 |
| Siġġiewi | Transformazzjoni ta art f'Reading Garden | € 65,165.00 |
| Tarxien | Upgrade of Ġnien Joanne | € 79,680.00 |
| Xgħajra | CCTV system | € 4,578.00 |
| Żabbar | Restawr fuq wirt lokali (2 postijiet) fi ħdan Ħaż-Żabbar | € 80,000.00 |

Seduta 74
11/01/2023

**LESA – SKEMA PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ – IT-TIENI SEJĦA**

**5058. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3180, dwar skema ta' fondi bit-titlu 'Proġetti fil-Komunità' maħruġa mil-LESA, għat-tieni sejħa, jista' l-Ministru jgħid liema kienu dawk it-30 kunsill lokali li applikaw, liema kienu l-21 proġett li ntgħażlu u kemm kien il-valur ta' kull proġett? Liema kienu ż-żewġ applikazzjonijiet li waslu wara d-data tal-għeluq u għalhekk ma ġewx ikkunsidrati? Meta kienet id-data tal-għeluq?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dawk li applikaw kienu l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Kunsill Reġjonali ta' Nofsinhar, Kunsill Reġjonali Xlokk, Kunsill Reġjonali Ċentru , il-Kunsilli ta’ Nadur, Marsaskala, Żurrieq, Marsaxlokk, Għasri, Xagħra, Fontana, Qrendi, Żejtun, Qormi, Sannat, Birkirkara, Żebbug Għawdex, Mqabba, Mdina, Attard, Għajnsielem, Xewkija, Rabat, San Ġiljan, , Kerċem, San Lawrenz, Gżira, u Għarb. Kunsilli li applikaw tard wara d-data tal-għeluq, li kienet 30 t’April 2022, kienu Ħal Għaxaq u Pembroke.

**Proġetti magħżula u valur:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Dokumenti + Spiża inkorporata mal-proġetti + Management | Selected | € 100,000.00 |
| Marsaskala | Embellishment of playingfields and recreational zones | Selected | € 34,192.07 |
| Żurrieq | Pavimentar fi sqaqin fiż-Żurrieq | Selected | € 80,000.00 |
| Marsaxlokk | Sistema ta' CCTV | Selected | € 19,111.84 |
| Għasri | Trakk ta l-elettriku | Selected | € 36,000.00 |
| Xagħra | Xiri ta’ Pickup Truck | Selected | € 36,800.00 |
| Fontana | Refurbishing fil-playingfield | Selected | € 68,975.20 |
| Qrendi | Pavimentar ta' 6 sqaqien | Selected | € 80,000.00 |
| Żejtun | Xiri ta 2 vetturi 7 Seater u spejjeż | Selected | € 74,160.00 |
| Qormi | Installar ta' Fanali ornamentali | Selected | € 22,419.06 |
| Sannat | Restawr tal-Kalkara tal-Ġir | Selected | € 46,361.43 |
| Birkirkara | Electric/Hybrid vehicle | Selected | € 64,320.00 |
| Żebbuġ Għawdex | Tranġar ta' parti mil-Playing field u pavimentar li hemm fil-Qbajjar | Selected | € 80,000.00 |
| Mqabba | Restawr ta' Wirt Storiku ta l-Old Mqabba Hospital | Selected | € 80,000.00 |
| Għajnsielem | Spazju Urban fi Triq il-Qigħan fiż-żona tat-Torri. | Selected | € 80,000.00 |
| Kunsill Reġjonali Xlokk | Xiri ta 2 vetturi elettriċi | Selected | € 54,398.40 |
| Xewkija | Struttura tal-injam | Selected | € 80,000.00 |
| Rabat | Bring-in Site taħt l-art | Selected | € 47,840.00 |
| San Ġiljan | Bring-in Sites taħt l-Art | Selected | € 62,770.40 |
| Kerċem | Koverzjoni għal żona pedonali | Selected | € 80,000.00 |
| Għarb | Bring in Sites taħt l-Art u CCTV surveillance | Selected | € 39,048.16 |

Seduta 74
11/01/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**5066. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B’referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056 u 2928, jista’ l-Ministru jgħid meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid u jekk jistax jinforma lill-Kamra li almenu sal-aħħar tal-Leġiżlatura preżenti, dan se jkun konkluż?

06/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi ghat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4461.

Seduta 74
11/01/2023

**ĦAL TARXIEN – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**5067. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jara li l-Għassa tal-Pulizija f’Ħal Tarxien tinfetaħ iktar spiss u jindika x’xogħol ta’ manutenzjoni sar is-sena li għaddiet u x’xogħol beħsiebu jsir din is-sena?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-lokalità ta' Ħal Tarxien hemm provdut is-servizz ta' Pulizija tal-Komunità, kif ukoll bir-ronda regolari permezz ta' uffiċjali b'vetturi tad-distrett u dawk tal-RIU. B'hekk jintlaħqu l-ħtiġijiet u s-servizzi operazzjonali kollha tal-pulizija f'din il-lokalità. L-għassa tal-Pulizija f'Ħal Tarxien tinfetaħ skont l-esiġenzi tas-servizz. Hemm sistema elettronika installata mal-istess għassa, fejn il-pubbliku jista' jaqbad mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, biex tiġi koordinata kull assistenza mitluba. Infurmat illi waqt li x-xoghol ta' rinovar u manutenzjoni ta' għases isir regolari, bħalissa mhux qed isir rinovar f'din l-għassa.

Seduta 74
11/01/2023

**XATT TAX-XGĦAJRA - XOGĦLIJIET**

**5068. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2931, jista' l-Ministru jgħid meta x-xogħlijiet fuq l-ilqugħ tal-ħadid li hemm fix-Xatt tax-Xgħajra effettivament se jibda billi diġà bdew jaqgħu biċċiet minnhom u hemm oħrajn li fihom sadid avvanzat?

06/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' manifattura bi preparazzjoni għall-bdil ta' partijiet mill-ilqugħ tal-ħadid inbeda fl-aħħar kwart tal-2022 u bħalissa x-xogħol qiegħed għand il-kuntrattur għall-powder coating. Lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar se tinqala' l-parti l-qadima biex wara tiswijiet fis-sottobank jeħel l-ilqugħ tal-ħadid il-ġdid. Huwa mistenni li fi Frar tibda ssir manutenzjoni fuq partijiet li għadhom f'kundizzjoni tajba biex aktar tard matul din is-sena jkompli jiġi manifatturat l-ilqugħ tal-ħadid li jrid jinbidel.

Seduta 74
11/01/2023

**ŻEJTUN – TRIQ NIKOLA ATTARD - BANKINA**

**5069. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2920, jista' l-Ministru jara li fil-lista tal-prijoritajiet minnu indikati, il-bankina fi Triq San Nikola Attard, Żejtun issir malajr?

06/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħtif jinġabar.

Seduta 74
11/01/2023

**SANTA LUĊIJA – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**5070. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jara li l-Għassa tal-Pulizija f'Santa Luċija tinfetaħ iktar spiss u jindika x'xogħol ta' manutenzjoni sar is-sena li għaddiet u x'xogħol beħsiebu jsir din is-sena?

06/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-lokalità ta' Santa Luċija hemm provdut is-servizz ta' Pulizija tal-Komunità, kif ukoll bir-ronda regolari permezz ta' uffiċjali b'vetturi tad-distrett u dawk tal-RIU. B'hekk jintlaħqu l-ħtiġijiet u s-servizzi operazzjonali kollha tal-pulizija f'din il-lokalità. L-għassa tal-Pulizija f'Santa Luċija tinfetaħ skont l-esiġenzi tas-servizz. Hemm Sistema elettronika installata mal-istess għassa, fejn il-pubbliku jista' jaqbad mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, biex tiġi koordinata kull assistenza mitluba.

Huwa pjanat li l-għassa ta' Santa Luċija ser tiġi konvertita f'hub għall-vittmi tal-vjolenza domestika biex b'hekk jitlaħħaq is-servizz li bħalissa toffri t-Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika

għan-nofsinhar ta' Malta. Pjanat ukoll illi l-istess għassa tospita l-Pulizija tal-Komunità għal-lokalitajiet ta' Santa Luċija u Raħal Ġdid. Għaldaqstant huwa mistenni li jsiru xogħlijiet ta' rinovar, interni kif ukoll esterni, biex jintlaħħqu l-miri u bżonnijiet imsemmija.

Seduta 74
11/01/2023

**WIED IL-GĦAJN – PJAN GĦAT-TURIŻMU**

**5071. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2251, 4099 u 4462, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Pjan għat-Turiżmu għal Wied il-Għajn huwiex lest jew le?

06/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qiegħda f'taħdidiet ma' entitajiet oħra sabiex jiġi finalizzat pjan għaż-żona.

Seduta 74
11/01/2023